**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.433/98***

***Pulizija***

***Sp. Carmelo Micallef, John Sacco u Joseph Cilai***

***v***

*Aalexander sive Sandro Cardona*

Illum 17 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma bazati fuq is-segwenti reati: **Serq kwalifikat bil-mezz, valur u lok;  Dhul b' Abbuz fid-Djar; Hsara Volontarja; Ricettazzjoni;  Truffa;  Frodi Innominat;  Recidivita' u Ksur tal-kondizzjoni tas-Sentenza Sospiza.**

***Kwadru tal-fatti***

**Illi fit-23 ta' Frar 1998 ghal habta tas-6.00 pm saret serqa minn residenza fl-Iklin fejn insterqu kwantita' ta' flus, deheb u quick cash card.  Irrizulta li ezatt wara li saret is-serq u cioe' ghal habta tas-2.00 pm giet uzata l-imsemmija card li biha ngibdet is-somma ta' LM100.**

**Illi minn investigazzjoni mghamula mill-pulizija, u precisament minn dak li deher fuq ir-ritratti mehuda mill-camera tal-ATM, il-pulizija wasslet biex arrestat lil Jason Scerri. Dan fl-istqarrija tieghu ammetta li hu, flimkien mal-imputat, kienu kkommettew is-serqa in disamina u kienu wkoll gibdu l-imsemmija somma mill-ATM machine. Qal ukoll li r-refurtiva inqassmet bejniethom u parti minnha bieghuwha. Il-pulizija sabet parti mir-refurtiva ghand l-imsemmi Jason Scerri. Din il-versjoni giet kkonfermata minnu fid-deposizjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti**

***L-imputat***

**Illi dana fl-istqarrija tieghu cahad li hu kien ma' Jason Scerri meta dana kkommetta s-serq fuq indikat; izda ghal maggor parti tad-domani li sarulu, l-imputat ghazel li ma jwegibx**

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

**Illi mill-provi ma jirrizulta ebda dubbju li fid-data inkriminata kienet saret is-serqa u wkoll ingibdet is-somma ta' LM100 mill-ATM ghad-dannu tad-derubat. Kif ukoll jirrizulta sodisfacentement provat li Jason Scerri kien ikkommetta dawn l-azzjonijiet kriminuzi. Izda f' dan il-kaz il-prosekuzjoni, biex ireggi l-kaz taghha, trid tipprova *nexus criminis* bejn l-imputat u dawn ir-reati; u l-elementi ta' prova li qeda isserrah il-kaz taghha fuqhom huma (1) id-deposizzjoni tal-imsemmi Jason Scerri; u (2) zewg ritratti esebiti bhala dok.MB1 u MB2.**

**Illi mill-istqarrija ta' Jason Scerri u mid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-imputat kien mal-istess Scerri meta sar is-serq; izda l-Qorti tosserva li din il-prova per se ma tistax twassal ghas-sejbien ta' htija tal-imputat, u dana in vista ta' dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 639 (3).**

**In vena legali il-Qorti tosserva li meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici, u ix-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda mhix bizzejjed biex twassal lill-akkuzat ghal kundanna; izda jekk ix-xhieda tkun konfermata direttament jew indirettment, minn xhieda ohra f' xi partikolarita' importanti, din hi ammessa bhala prova sufficjenti. Ma hemmx bzonn li l-korroborazzjoni tkun ta' kull ma jghid il-**

**komplici. (Vol.XXXIID pg.581). Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali, anki indizzjarja, li tirrendi probbabbli l-istorja tal-komplici *(App.Krim. Pul.v Emanuel Hili - 20.2.86)*. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-prova tista' tkun indiretta jew indizzjara, *il-prova 'ut sic' trid tkun cara u univoca*, <u>fis-sens li ma tistax tfisser zewg affarijiet differenti</u>. Dan l-ahhar fattur huwa rilevanti ghal kaz in disamina, stante li l-prova addizzjonali li qeda tressaq il-prosekuzzjoni huma ritratti li juru imagini imcajprin ta' zewg persuni.**

**Dawn il-konsiderazzjoni huma relevanti ghall-finijiet tat-tieni element ta' prova tal-prosekuzjoni u cioe' r-ritratti dok.MB1 u MB2. Fuq wiehed minn dawn ir-ritratti jidhru zewg persuni, filwaqt li fuq it-tieni ritratt tidher persuna wahda. Il-Qorti tosserva li dawn ir-ritratti, <u>li l-imagini fuqhom hija mcajpra</u>, utili kemm kienu utili ghall-skopijet ta' investigazzjoni, ma jwasslux ghal <u>prova sufficjenti</u> li wiehed minn dawn il-persuni huwa l-imputat: <u>jista' jkun l-imputat u jista' ma jkunx</u>. Dan id-dubbju ghandu jmur favur l-imputat – in omagg ghall-massima legali *in dubbio pro reo.***

**Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-prova-Jason Scerri ma gietx sufficjenti korroborata skond il-ligi; u ghalhekk ma tistax twassal ghall-htija tal-imputat.**

***<u>Decide</u>***

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputat hati skond il-akkuzi u tilliberah minnhom.**

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***

Vera Kopja

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***